# San Lawrenz Levita Martri



Is-sħana ta' Awissu tfakkarni fin-nar li kien ħaraq lil San Lawrenz, imma in-nar ta' l-imħabba t'Alla f'Lorenzu kien aqwa u iktar jaħraq. Dan il-Qaddis ifakkarni wkoll fil-Festa ta' Santa Marija li dina tkun tassew fil-qrib.

Il-fugura ta' San Lawrenz fis-selu IV kienet diġa' moħbija fil-leġġenda tant li hu ftit diffiċli sabiex tiddisitngwi bejn dak li huwa storiku kif ukoll dak li huwa frott il-fantasija, peress li skond il-leġġenda, Lorenzo kien Spanjol. 'Il Liber Pontificalis' jgħid li Lorenzu kien Arċidjaknu tal-Papa Sistu II u li miet flimkien ma Klawdju, Suddjaknu, Severu, Presbiterju, Krexxenzju, Lettur, u Romanu Ostjarju. Fil-grupp tal-Martri Rumani li kienu mietu f'Awissu tas-sena 258 hemm ukoll Lorenzu, forsi għal qagħda importanti li huwa kellu fil-Knisja ta' Ruma. Fid-Deposito Martyrum insibu lil San Lawrenz fejn miet nhar l-10 ta' Awissu, mentri il-membri l-oħrajn tal-Kulleġġ tad-Djakni ta' Ruma kienu mietu flimkien mal-Papa Sistu II erbat ijiem wara. Il-kult ta' San Lawrenz kien inxtered bil-kbir diġa mis-seklu IV. Naraw li fid-Deposito Martyrum tas-sena 354 insibu diġa tagħrif Kronoloġika dwar l-10 ta' Awissu kif ukoll insibu tagħrif topografiku tal-'Ager Veranus'. Iċ-ċimiterju kbir Ruman attwali li qiegħed fil-bidu tat Triq Tiburtina. Hawn tinsab Bażilika tal-Qaddis Djaknu u fl-antik naraw li fl-Italja il-Festa ta' San Lawrenz kienet Festa kmandata, imma fis-seklu l-ieħor ġiet imneħħija għax naqsu il-festi hekk imsejħa ta' l-obbligu.

Ħalli issa niġu għall-Knisja ta' Ruma u li din ftit jew wisq kienet fasslet it-tmexxija tagħha fuq dik ta' Ġerusalemm. Minħabba il-presekuzzjoni makabra u mdemma ta' Valerjanu kollox kien mistur u mmexxi bil-moħbi u b'għaqal l-aktar kbir. Il-Papa Sistu kemm minħabba l-età tiegħu kif ukoll sabiex ma jagħtix fil-għajn, għaliex kien sar persuna magħrufa, mar jafda ħafna mill-amministrazzjoni tal-Knisja ta' Ruma lil seba' Djakni, fosthom l-ewwel wieħed il-Levita San Lawrenz. Għalhekk immela lil San Lawrenz isejħulu wkoll Arċidjaknu. Dan li qed ngħid jiġi konfermat minn dak li qat Prudenzju, fejn aktarx li dan huwa l-eqdem tagħrif miktub dwar San Lawrenz. San Lawrenz f'dan id-Dokument ta' Prudenzju huwa ppreżentat bħala 'L-Ewwel Levita martri, Djaknu u Arċidjaknu'. Prudenzju 'gli consacra la seconda corona in cui il martire e' presentato come il primo dei Leviti diacono e arcidiacono'. U għalhekk ir-responsabbiltà prinċipali li kien jħaddem il-Levita San Lawrenz kienet dik tad-djakonija kemm fil-ħwejjeġ spiritwali u xejn anqas f'dawk materjali. San Lawrenz ħaddem id djakonija tiegħu mall-bniedem sħiħ kolu kemm hu, ruħ u ġisem. U bir-raġun għaliex il-bniedem ma' tistax tifirdu. Il-knisja ċertament meta tfittex il-fini tas-salvazzjoni mhux biss tikkominika lil bniedem il-ħajja ta' Alla iżda b'mod ixxerred ukoll ir-rifless tad-dawl tagħha fuq id-dinja kollha, l-aktar billi tfejjaq u tgħolli id-dinjità tal-persuna umana issaħħaħ l-għaqda tas-soċjetà tal-bnedmin u tagħti sens u tifsir aktar profond lil ħidma tagħhom ta' kuljum (Gaudium et Spess, V. 40).

Il-Papa San Ljun il-Kbir jitkellem hekk mid-djakonija ta' San Lawrenz. 'In Levitam Laurentium, qui non solum ministerio sacramentorm, sed etiam dispensatione ecclesiasticae substantiae praeeminebat'. Il-Papa hawnhekk qed ifaħħar lil Levita San Lawrenz għaliex kien jispikka mhux biss fil-ministeru tas-Sagramenti imma wkoll fit-tqassim tal-ġid tal-Knisja. Dina il-lezzjoni qegħda fit-tieni notturn tal-Festa



tal-Levita u Martri tagħna. Dak li l-Levita u Martri tal-Knisja, San Lawrenz b'attenzjoni u b'fedeltà kbira wettaq bħala Djaknu, għandu jkun ta' ispirazzjoni għalina lkoll. Aħna wkoll bħal San Lawrenz għadna nisimgħu il-kelma t'Alla u nitqarbnu, nuru aktar rispett u ġieħ lejn il-Ministri tal-Knisja kif ukoll ngħinu lil ħutna anqas ixxurtjati minna.

Riferenzi
Ktejjeb tal-Festi Ċentinarji San Lawrenz Gozo - 1893 - 1993, Paġni 70 u 71 'Il-Levita San Lawrenz' - Monsinjur Lawrenz Sciberras.

